**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maria Muscat**

**Illum, 5 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Maria Muscat detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 83495M, li permezz tagħhom ġiet akkużata talli:

*"…f'22.07.2018 u 25.02.2019 f'dawn il-gzejjer*

1) *Permezz ta' network jew apparta tal-komunikazzjoni elettronika malafamajt lil Joseph Mary Ebejer jew ghamilt uzu mhux xieraq bih.*

*Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9"*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti quddiemha.

Irriżulta li dan il-każ inbeda minħabba rapport li għamel Joseph Mary Ebejer. Fix-xhieda tiegħu, dan spjega li huwa kellu xi jgħid ma' oħt l-imputata u kien ser jieħu proċeduri kontra tagħha fil-Qorti. Huwa sostna li l-imputata bdiet tgħajru fuq Messenger u ppreżenta kopja ta' dawn il-messaġġi bħala Dok MM2 u Dok MM3.

Għalkemm hemm indikat l-isem ta' Maria Muscat fuq uħud mill-messaġġi, ma jfissirx b'daqshekk, li dawn il-messaġġi nkitbu u ntbagħtu mill-imputata. Il-Prosekuzzjoni lanqas ma resqu xhieda dwar l-*IP addresses* involuti u fuq min huma rreġistrati. Lanqas sar xi stħarriġ ieħor mill-Pulizija, biex jitressqu provi dwar min kiteb dawn il-messaġġi u f'liema indirizz huwa abbinat l-*IP address* involut. Din il-Qorti tifhem li jekk Facebook Messenger jew Facebook jitħallew miftuħa b'internet connection, dan jista' jintuża minn persuna oħra u mhux l-*account holder*.

Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti għarblet il-provi mressqa, iżda ma tqisx li l-imputazzjonijiet ġew ippruvati lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Dana peress li quddiemha, ma għandhiex provi suffiċjenti li kienet proprju l-imputata li kitbet dawk il-messaġġi li dwaru sar ir-rapport.

**Decide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli kollha relevanti, u ċioè l-Artikoli 49(a), (b) u (c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed issib ħtija fl-imputata u qed tilliberaha minn kull kundanna u ħtija.**

---

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

---

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**